

Brussell, 2 ta' Lulju 2026  
(OR. en, sk)

11353/26  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0150 (COD)

---

AGRI 558  
AGRIFIN 132  
CODEC 1367

**NOTA PUNT "I"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| lil:     | Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | <p>Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani (<b>I-ewwel qari</b>)</p> <ul style="list-style-type: none"><li>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv</li><li>- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE</li><li>- Dikjarazzjoni</li></ul> |

**Is-Slovakkja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

Is-Slovakkja tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani

Fl-istess waqt, is-Slovakkja tilqa' emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173, b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), li tagħti lill-Istati Membri aktar flessibbiltà biex isiru pagamenti antiċipati billi tagħti lok għal deroga mill-iskadenza jew billi tippermetti li l-pagament antiċipat isir mingħajr limitu ta' żmien fir-rigward tal-emendar jew l-irtirar ta' applikazzjoni, dment li l-Istat Membru jkollu sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva fis-seħħ, inkluż mekkaniżmi għall-irkupru ta' ammonti imħallsa bi żball.

---